MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 1028/2006

**Antoine Vassallo ezercenti n-negozju
Antoine Auto Dealers**

**Vs**

**Alexandra Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tal-attur li talab lill-konvenuta thallas l-ammont rapprezentanti import ta' tlett (3) kambjali ghal valur ta' sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm70.41) –il wahda, u cioe' mija u erbgha u sittin Euro u centezmu (€164.01), total ta' erba' mija u tnejn u disghin Euro u sittax-il centezmu (€492.16) iffirmati u accettati mill-konvenuta u minkejja li skadiet id-data ta' maturita' taghha baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra tal-5 ta’ April, 2006, tal-ittra ufficjali tat-23 ta’ Mejju, 2006 u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta’ tlett (3) kambjali sal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenuta li ecceppiet illi preliminarjament, l-attur ghandu jipprezenta l-kambjala originali.
Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuta tecepixxi l-pagament tal-kambjali u konsegwentement it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda fl-intier bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta’ Mariolina Schembri, li hija s-segretarja tal-attur.

Tghid li f’xi zmien, meta kienet ghadha ma tahdimx mal-attur, il-konvenuta kienet xtrat vettura minghandu.

L-attur kellu sistema mal-bank, fejn il-kambjala kienu jigi depositati hemmhekk u malli jithallsu kienu jintbaghtu lill-klijent. Gara ukoll, illi fil-kaz tal-konvenuta ma kienux thallsu tlett (3) kambjali u ghalhekk dawn jigu debitati mill-kont tal-attur.

Tikkonferma li dak iz-zmien kien hemm certu Sue Bartolo li kienet tiehu hsieb li tigbor id-debiti tal-attur.

Ra x-xhieda tal-konvenuta li tispjega li ghall-habta tal-1999 kienet xtrat Volkswagen Polo minghand l-attur. Peress li dak iz-zmien kellha tifla zghira, kienet ftehmet ma’ Vassallo, li setghet thallas b’cekk lil certa Sue Bartolo jew cekk mahrug f’ismu personalment is-somma mensili ta’ sebghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm70.41), mija u erbgha u sittin Euro u centezmu (Euros 164.01).

Generalment tghid li kienet tohrog ic-cekk fuq Sue Bartolo. Hafna drabi Bartolo kienet taghmlilha rcevuta u

jekk ma kienitx, kienet tippretendi li tinforma lill-attur u dan kien johrog ircevuta.

Tispjega ukoll illi sal-2003 ma kienx hemm problemi. Gara mbaghad illi ma baqghetx tircievi l-kambjali u zgur ma kienitx irceviet dawk ta’ Mejju u Gunju, 2003. Hi tikkonferma li kienet hallset l-ammonti kollha u dan minhabba li kellha ‘standing orders’ u kopji ta’ cekkijiet li ssarrfu minn Sue Bartolo.

Il-konvenuta tghid ukoll li Sue Bartolo kienet qaltilha li Antoine Vassallo ma kienx qed ihallas il-bank. B’kollox tghid li ghas-sena 2003 kellha sitt (6) kambjali neqsin u dan meta kienet hallset ghalihom.

Tikkonferma ukoll li bejn Bartolo u Vassallo kien hemm xi dizgwid u fil-fatt kienu spiccaw il-Qorti.

Tghid ukoll li m’ghandhiex kambjali ta’ Mejju, Gunju, Awissu, u Dicembru, 2003. Il-pagamenti ta’ Mejju u Gunju saru permezz ta’ cekkijiet indirizzati lil Sue Bartolo, filwaqt li ta’ Lulju, Settembru, Ottubru u Novembru, 2003 dawn thallsu permezz ta’ ‘standing orders’.

Tghid ukoll li Bartolo dejjem kienet taghtiha kopja tal-pagament u cioe’ kopja tac-cekk, kif ukoll rekord tal-pagament.

Esebit fl-atti l-ahhar dokument li kienet rceviet minghand Bartolo, fejn din kienet iddikjarat li kien hemm zewg (2) kambjali li ma kienux inghataw lill-konvenuta, izda kienet hallset taghhom. Kien hemm kambjala ohra, izda peress li sadanittant Bartolo kienet telqert mill-impjieg taghha mal-attur ma setghetx taghtiha spjegazzjoni.

Tistqarr li l-Bank kienu nfurmawha li ma kienitx qed tircievi l-kambjali ghaliex peress li kien hemm il-pagamenti b’lura dawn kienu qed jithallsu l-ewwel.

Ra x-xhieda ta’ Joe Borg Cardona in rappresentanza tal-Bank of Valletta plc. Jikkonferma li generalment il-Bank jinghata l-kambjala mill-persuna li trid taghmel il-

pagamenti u tigi rritornata lura lill-persuna malli jsir il-pagament. Pero'f'dan il-kaz ma kienx jaf ezattament x'gara.

Ra x-xhieda ta' Sue Bartolo li tispjega li hi kienet skrivana tal-attur u kienet tiehu hsieb id-'debt collecting'. Tghid li kienet gabret il-flus minghand il-konvenuta sa Gunju, 2003, meta din kienet qaltilha li kienet ser tibda tihallas direttament mill-Bank. Kien hemm drabi ukoll meta kienet tmur tigbor il-pagament mill-ufficcju tal-konvenuta u kienet thallilha l-flus b'cekk ma' xi kollega u f'dak il-kaz ma kienitx thallilha rcevuta.

Tghid li kienet telqet ix-xoghol taghha mal-attur bejn Awissu u Settembru, 2003 ghaliex kellha l-inkwiet ma' Antoine Vassallo.

Tikkonferma li kienet tghaddi l-pagament li kienet tircievi minghand il-konvenuta lil Vassallo kull gimgha.

Tispjega li hi kienet tghaddi rcevuta lill-klijenti meta kienu jaghmlu pagament u malli l-attur kien ighaddilha l-kambjala kienet tghaddiha lill-klijent.

Tikkonferma li sa Gunju, 2003 ma kienx hemm pendenti xi hlas ta' kambjali da parti tal-konvenut. Il-pagamenti kienet tnizzilhom ukoll gewwa ktieb ta' Antoine Auto Dealer jew go ktieb li kien ikollha.

Gieli kien ikun hemm problemi fis-sens li kienu jdumu ma jibghatu l-kambjali mill-Bank jew kienu jdumu biex imorru jigbruhom.

Tikkonferma li kellha kopja tac-cekkijiet li kienet tghaddi lill-attur.

Tichad li ghandha fil-pussess taghha xi kambjali tal-konvenuta, pero' tghid li meta telqet mill-impjieg taghha mal-attur kien hemm kambjali, anke ta' klijenti ohra li ma kienux ngabru.

Ra x-xhieda tal-attur li jispjega li l-konvenuta kienet xtrat vettura minghandu u kien jircievi l-pagamenti diretti minghandha jew mill-Bank. Ighid li l-prassi kienet li kien ighaddilhom l-kambjali u mbaghad kienu jaraw huma kif kienu ser ihallsu.

Jikkonferma li kellu skrivana Sue Bartolo li kienet tircievi l-pagamenti personalment minghand il-konvenuta. Jispjega li gieli kien hemm drabi fejn il-konvenuta kienet tigi s-'showroom' u dan meta ma kienitx f'qadgha finanzjarja li thallas.

L-attur ighid li ghandu fil-pussess tieghu kambjali tal-konvenuta u taghhom kien qed jitlob il-hlas. Sue Bartolo kien ghad ghandha xi kambjali li ma kienx thallas taghhom, pero' dawk tal-konvenuta ma kienux jinstabu ghandu, izda kienu ghandha.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Ikkunsidra

L-attur qed jitlob il-hlas minghand il-konvenuta ta' tlett (3) kambjali li jirreferu ghas-segwenti dati ta' maturita'– 30 ta' April, 2003, 30 ta' Ottubru, 2003, u 30 ta' Novembru, 2003.

Illi ghalhekk kull kambjala kienet titlob il-hlas mat-tletin (30) ta' kull xahar. L-attur u Mariolina Schembri, impjegata tal-istess attur ipprezentaw il-lista tad-debituri, u fosthom tinkwadra l-konvenuta fejn jirrizulta li ghandha thallas mitejn u hdax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (Lm211.23), u cioe ekwivalenti ghal erba' mija u tnejn u disghin Euro u tlett centezmi (€492.03) u peress li ma kienx sar hlas, il-Bank kien ghamel 'debit' fuq il-kont tal-attur.

Il-verzjonjiet pero' f'dan il-kaz huma kontrastanti ghal ahhar. Il-konvenuta tinsisti li kienet hallset kollox u

minkejja dan tghid li kien hemm xi problemi ghal dak li jirrigwarda l-kambjali, fis-sens li dawn ma kienux qed jinghataw lura lilha wara li jsir il-pagament.

Il-konvenuta pproduciet ukoll bhala xhud lil Sue Bartolo, li kienet ex-impjegata tal-attur u li kellha l-inkarigu li tigbor il-flus minghand id-debituri tieghu.

L-istess xhud tikkonferma li l-konvenuta kienet ghamlet il-pagamenti kollha fuq il-vettura li kienet akkwistat minghand l-attur. Taccenna ghal fatt li kellha xi problemi mal-attur ghaliex kien zamm xi kambjali.

Anke jekk il-verzjoni ta’ Sue Bartolo ‘per se’ setghet tkun velenuza, bhala sens ta’ vendikazzjoni kontra l-attur, ghaliex ir-relazzjonijiet ta’ bejniethom ma kienux mill-ahjar, it-Tribunal ihoss li xorta ghandha tkun verzjoni verosimili u dan meta iqis ix-xhieda u l-provi prodotti mill-konvenuta.

Il-konvenuta spejgat li minn wara Gunju, 2003 bdew jidhru li kien hemm xi problemi ma’ dan Vassallo u peress li ma kienitx qed tirciev l-kambjali, minkejja li kienet qed tghaddi l-pagamenti lil Sue Bartolo ddecidiet li taghmel ‘standing order’ mal-Bank of Valletta plc.

Mid-dokumenti esebiti mill-Bank of Valletta plc., it-Tribunal jista’ facilment jikkonkludi li minn Lulju, 2003 il-pagamenti kienu qed isiru permezz ta’ ‘standing order’. Oltre minn hekk jirrizulta li l-pagamenti kienu qed isiru regolamenti u minn Lulju, 2003 sa’ Dicembru, 2003, il-pagamenti kienu saru (ara Dokument JBC 5).

Indiskutibbilment, ma jistax ikun hemm l-icken dubbju li ghal dak li jirigwarda l-pagament mitlub ghal perjodu bejn Ottubru, 2003 u Novembru, 2003, dan kien gie saldat mill-konvenuta u ghalhekk ma jibqax lok ghal kontestazzjoni.

Jibqa’ ghalhekk sabiex jigi stabbilit jekk hemmx xi pagament dovut fuq il-kambjala li mmaturat fit-30 ta’ April, 2003.

Generalment, il-konvenuta tikkonferma li kienet thallas lil Sue Bartolo permezz ta' cekkijiet u fil-fatt esebit xi cekkijiet li jkopru s-sena 2003. L-attur qed jitlob il-hlas ta' kambjala li mmaturat f'April, 2003 li jfisser li kellu jkun hemm pagament ghall-habta tat-30 ta' April, 2003. It-Tribunal jinnota li sakemm ma kienx qed isiru l-pagamenti permezz ta' 'standing order', il-konvenuta kienet tghaddi cekk lil Sue Bartolo li tikkonferma li kienet rceviet il-pagamenti sa' Gunju, 2003, ghaliex imbaghad kienet lahqet telqet mill-impjieg taghha mal-attur.

Il-verzjoni tal-konvenuta tibqa' tigi ssostanzjata mid-dokumenti li esebiti. Il-kopji ta' cekkijiet (ara Dokument AC7), fejn jirrizulta li kienu saru tlett (3) pagamenti bejn it-2 ta' April, 2003 u t-30 ta' Mejju, 2003, u ghalhekk huwa inkoncepibbli kif l-attur qed jinsisti li ma kienx ircieva pagament ghal fuq il-kambjala li mmaturat fit-30 ta' Mejju, 2003.

Jekk kien hemm l-icken dubbju dan jigi eliminat meta minn ezami akkurat tal-kont tal-Bank of Valletta plc. (ara Dokument JBC 5) hemm indikat li precisament fil-11 ta' Dicembru, 2003 kien sar pagament fl-ammont ta' mitejn u hdax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm211.23), u cioe' ekwivalenti ghal erba' mija u tnejn u disghin Euro u tlett centezmi (€492.03). Dan l-istess ammont huwa l-ammont reklamat f'din il-kawza u dan skond il-lista tad-debiti tal-attur li nharget f'Novembru, 2003.

Ghalhekk anke jekk m'huwiex car fejn sar dan il-pagament, huwa wisq kumbinazzjoni li jkun hemm pagament f'perjodi simili u ghal istess ammont.

Ghalhekk fuq kollox jidher li t-Tribunal ihoss li ghandu jistrieh fuq ix-xhieda tal-konvenuta li tidher aktar kredibbli minn dik tal-attur, li jidher li mhux daqsehkk organizzat fis-sistema ta' 'debt collecting', kif ukoll fuq il-pagamenti tal-Bank.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici, filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Bl-ispejjes konta l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------